MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 30/2004/1

**Michael Curmi u Giuseppa armla ta' Lorenzo Curmi**

**v.**

**Julian Farrugia**

**Il-Qorti:**

1. Rat il-verbal datat is-6 ta' Ottubru 2008 li in forza tieghu din il-Qorti ddifferiet dana l-appell ghas-sentenza ghal-lum 28 ta' Novembru 2008.

2. Tirrileva li fil-kors ta' l-ezami taghha tas-sentenza appellata kif ukoll ta' l-atti tal-kawza u tas-sottomissjonijiet

tal-partijiet, saret riferenza ghall-atti tal-kawza fl-ismijiet: Rosa Cardona v. Paolo Curmi et (Citazzjoni Numru 97/1979), kawza li ghada pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili. Dawn ir-riferenzi saru kemm min-naha tal-Qorti ta' l-ewwel grad fis-sentenza appellata, kif ukoll da parti tal-partijiet u dan kemm fic-citazzjoni li biha giet istitwita l-kawza kif ukoll f'atti sussegwenti. Fost ohrajn, fis-sentenza appellata tnizzel dan li gej (ara fol. 6 tal-process) b'riferenza ghal dik il-kawza:-
"Fil-kors tal-imsemmija kawza l-konvenuti ahwa Curmi kienu rrilevaw li l-art meritu ta' din il-kawza ma kellhiex tifforma parti mill-pjan ta' divizjoni li gie mhejji mill-perit tekniku Joseph Dimech. Min-naha taghhom l-atturi qablu u kkonfermaw li din ir-raba kienet proprjeta' unika ta' Michelina Buttigieg li pperveniet ghandha *in forza* ta' kuntratt ta' divizjoni li sar fl-1917 u ma kellhiex tifforma parti mill-assi ereditarji ta' Michael Gatt u Maria Xebba Farrugia."

3. Minkejja tali riferenza esplicita u ripetuta ghall-atti tal-kawza surreferita, la gew allegati l-atti ta' dik il-kawza (presumibbilment ghar-raguni li din ghadha pendenti) u lanqas ma hemm kopja legali jew almenu xi parti relativa ghac-cirkostanza partikulari rilevata mill-Qorti ta' l-ewwel grad dwar jekk l-art li tissema' f'dik il-kawza kellhiex tifforma parti mill-pjan ta' divizjoni mhejji mill-perit tekniku l-A.I.C Joseph Dimech. Dik li giet ezebita biss hija fil-fatt kopja tar-relazzjoni tal-perit Dimech (ara fol. 188 sa 199 tal-process) u xejn aktar.

4. Il-Qorti tinnota wkoll li fil-korp tas-sentenza appellata gie registrat il-verbal segwenti min-naha ta' l-ewwel Qorti;
"Rat ukoll l-atti tal-kawza fl-ismijiet Rosa Cardona v. Paolo Camilleri et (Citazzjoni numru 97/1979) li ghada pendenti."

5. Darba li l-ewwel Qorti dehrilha opportun li taghmel tali riferenza ghall-kawza surreferita u saru wkoll sottomissjonijiet dwarha anke min-naha tal-partijiet, din il-Qorti rriskontrat ostakolu ta' natura procedurali sabiex tkompli bl-ezami ta' l-appell in assenza tal-atti rilevanti u formanti parti mill-kawza: Cardona v. Curmi et, surreferita,

u dan, kemm-il darba jirrizulta u jintwera lil din il-Qorti li r-riferenza ghal dik il-kawza – li fiha ghandu jinghad li l-konvenut appellat lanqas ma hu parti fiha – hija tabilhaqq mehtiega ghar-rizoluzzjoni ta' dana l-appell.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, u tordna li l-partijiet fil-kawza ghandhom fi zmien hmistax (15) il-jum mil-lum, jipprezentaw separatament nota fir-registru li fiha:-

(i) jispjegaw bic-car u fi ftit kliem x'inhi l-posizzjoni rispettiva taghhom *vis-à-vis* il-kawza fl-ismijiet Rosa Cardona v. Paolo Camilleri et (Citazzjoni numru 97/1979) li tissema' fis-sentenza appellata, u jispjegaw fil-qasir x'rilevanza din jista' jkollha ghall-fini tar-rizoluzzjoni ta' din il-kawza;

(ii) Jekk kienx hemm il-htiega li xi parti jew xi verbal mill-atti ta' dik il-procedura, ad eccezzjoni tar-relazzjoni mhejjija mill-perit tekniku Joseph Dimech (li fil-fatt tinsab ezebita), tigi ezebita wkoll fl-atti ta' din il-kawza;

(iii) U f'kaz affermattiv, x'kienet ir-raguni li ebda talba ma saret f'dan is-sens la quddiem l-ewwel Qorti u lanqas quddiem din il-Qorti ta' l-appell.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------